MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1037/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Spiteri sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess Victor Spiteri**

**vs**

**Christopher Buttigieg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fid-19 ta' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tlettax-il lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm1113.78) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-6 ta' Awissu, 2001, f'Triq il-Labour, Zabbar, bejn vettura numru ta' registrazzjoni CAL-154 misjuqa mill-konvenut u proprjeta` ta' Gavin Buttigieg u vettura numru ta' registrazzjoni ABJ-074 misjuqa minn Odette**

**Spiteri u propjeta' ta' l-assikurat Victor Spiteri, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta' Jannar u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Lulju, 2002, fejn intqal illi l-konvenut jirrespingi l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kienet unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABJ-074, ossija Odette Spiteri, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' John Lentini, Odette Spiteri, Christopher Buttigieg, Jason Buttigieg, PS 647 Ivan Chetcuti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Zamm access fuq il-post fejn gara l-incident, u sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-kaz in ezami jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fi Triq il-Labour, Zabbar, fis-6 ta' Awissu, 2001, bejn il-vettura ABJ-074 misjuqa minn Odette Spiteri u l-vettura CAL-154 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara ghall-habta ta' l-4p.m..**
**2. Skond l-attrici Odette Spiteri, hi kienet miexja fi triq Haz-Zabbar, meta rat vann gej mill-faccata u kien xi zewg vetturi l-boghod minnha. Hi tghid li dan il-vann, minflok ma hadha bid-dawra, kiser ghad-dritt biex jiehu id-direzzjoni ta' Garden Street, u tghid li s-**

**sewwieq u siehbu ma kienux qed iharsu fid-direzzjoni taghha, izda fid-direzzjoni l-ohra. Odette Spiteri tghid illi l-konvenut hasadha. Tghid li huwa qabad u qasam u hi ma setghetx tinduna li kien ser jikser. Spiteri zammet brake meta ratu ser jikser. Fil-fatt Spiteri halliet brake marks twal 8.1metri.**

**3. Il-konvenut jghid li kien gej minn naha ta' Bormla u miexi fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar. Skond il-konvenut hu waqaf u ma kienux gejjin karrozzi u baqa' tiela ghad-dritt fid-direzzjoni tal-lemin. Skond il-konvenut hu ra qabel ma zammet il-brake. L-istess konvenut jghid li meta raha: "brake ma zammejtx u bqajt miexi bl-istess velocita`."**

**4. Skond Jason Buttigieg, passiggier mal-konvenut, l-attrici giet sparata ghall-fuqu. Issa apparti din il-konferma kategorika da parti tax-xhud, l-istess f'mument iehor xehed hekk: "nghid illi l-vettura l-ohra ma rajtha xejn miexja, rajta dritt gol-vann mall-ewwel." Din ix-xhieda ta' l-ahhar tikkontrasta sa l-ahhar ma dak li qal ix-xhud qabel, ghax jekk hu hekk, ix-xhud ma kienx qed ihares fid-direzzjoni tal-attrici, u ma setghax jghid li kienet gejja sparata. Inoltre x-xhud jghid li l-vann bilkemm jiflah jiccaqlaq. Jekk dan hu minnu, u jekk hu kien attent ghat-traffiku li kien gej mix-xellug tieghu, u kien ikollu hin sufficjenti biex jieqaf u jaccerta ruhu sew li ma kienx gej traffiku, u wara jaqsam. Ma hemmx dubbju li jekk tassew l-vann bilkemm jiccaqlaq, messu l-konvenut kien aktar u aktar attent ghat-traffiku li gej. Ta' min jirrileva li l-imsemmi xhud lanqas biss ma seta' jghid il-velocita' tal-konvenut kienetx 10kfs jew 10mfs. Ghalhekk meta wiehed jezamina sew id-deposizzjoni ta' Jason Buttigieg, it-Tribunal huwa tal-fehma li ftit li xejn jista' jinghata kredibilita`.**

**5. Jirrizulta fil-fatt mill-access mizmum li l-post fejn gara l-incident huwa tassew arja selvagga, in kwantu, fiz-zmien li gara l-incident, ma kien hemm ebda senjaletika biex it-traffiku jiehu il-kors tieghu. Ghalhekk gara li sija Odette Spiteri kif ukoll il-konvenut, meta waslu ghal dik il-fetha kienu dehlin f'arja fejn kull vettura kellha timxi bl-akbar diligenza, haga li ma jidher li ebda wiehed mis-sewwieqa ma**

**ghamlu. Fil-fatt jirrizulta li Spiteri kienet ghaddejja b'velocita tali li halliet brake marks twal 8.1metri. Issa ghalkemm tali ma hux indikattivi ta' xi velocita` esagerata, definitivament jindikaw li ma kienetx velocita` tali li, tenut kont tal-lok li minnu kienet ghaddejja, setghet tikkontrolla il-vettura fil-hin.**

**6. Kif rilevat fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**

**"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control…………"**

**7. Mill-lat l-iehor mill-provi t-Tribunal hu soddisfatt li l-konvenut ma kienx qed izomm "a proper look out", ghax li kieku dan kien attent kien jara lill-attrici gejja, u ma kienx ikompli miexi u b'hekk jinvadilha t-trajettorja taghha, apparti li jirrizulta li l-konvenut qata' ghad-dritt flok ma hadha bid-dawra, kif messu ghamel. Dana jirrizulta wkoll minn kif spiccaw il-vetturi u mid-danni riportati. Ghalhekk fic-cirkostanzi kull parti ghandha tort ghall-incident, pero` fil-fehma tat-Tribunal u ghandu aktar tort il-konvenut, ghax dan mhux biss li ma zammx "a proper look out" izda ghamel manuvra azzardata meta qasam ghad-dritt.**

**8. Ghalhekk it-Tribunal qed jaqsam ir-responsabilita` ghall-incident in kwantu ghall-zewg terzi htija tal-konvenut u terz htija ta' l-attrici.**

**9. Id-danni li sofriet l-attrici jammontaw ghall-elf mija u tlettax-il lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm1113.78). Ghalhekk il-konvenut hu tenut li jhallas lill-attrici zewg terzi ta' dan l-ammont ossija seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm742.52).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ta' zewg terzi, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm742.52), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghadhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**